C/2024/6142

14.10.2024

AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

Gwida għall-Istati Membri għall-ġbir tad-*data* u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(5), il-punti (a) sa (d), tar-Regolament (UE) 2023/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6142)

WERREJ

Paġna

Dikjarazzjoni Importanti 1

Introduzzjoni 2

Gwida dwar kif timla l-Mudell 2

Istruzzjonijiet ġenerali 2

Struzzjonijiet speċifiċi 3

Anness A — In-numerazzjoni tal-kolonni tal-mudell 13

Anness B – Lista ta' kodiċijiet bi tmien u erba' ċifri skont il-klassifikazzjoni tal-ESAW tal-Aġenti Materjali, li taħthom jistgħu jinstabu l-kategoriji ta' makkinarju jew prodotti relatati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tar-Regolament. 14

DIKJARAZZJONI IMPORTANTI

L-għan ta' dan id-dokument, li huwa bbażat fuq l-Artikolu 6(10), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2023/1230 dwar il-makkinarju ([1]) ("ir-Regolament"), huwa li jipprovdi gwida biss dwar kwistjonijiet relatati mal-ġbir tad-*data* u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(5), il-punti (a) sa (d), ta' dak ir-Regolament u dwar il-mili tal-mudell standardizzat stabbilit fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1922 ([2]) ("il-Mudell").

Dan id-dokument huwa indirizzat lill-Istati Membri, iżda jikkonċerna wkoll pajjiżi terzi, jiġifieri pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE), li kkonkludew ftehim mal-UE għall-estensjoni tal-applikabbiltà tar-Regolament għal dawk il-pajjiżi. Ir-referenzi f'dan id-dokument għal "Stati Membri" jew "l-UE" għandhom, għaldaqstant, jinftiehmu bħala li jirreferu għal dawk il-pajjiżi terzi wkoll.

Dan id-dokument huwa maħsub purament bħala dokument ta' gwida. It-test tal-att ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni nnifsu biss għandu forza legali.

L-interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni hija l-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-fehmiet espressi f'dan id-dokument ma jistgħux jippreġudikaw il-pożizzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Dan id-dokument jirrifletti l-leġiżlazzjoni fiż-żmien tal-abbozzar ta' dan id-dokument u l-gwida offruta tista' tkun soġġetta għal modifika aktar tard.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2023/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2023 dwar il-makkinarju u li jħassar id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 73/361/KEE (ĠU L 165, 29.6.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1230/oj).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1922 tat-12 ta' Lulju 2024 li jistabbilixxi l-mudell għall-ġbir mill-Istati Membri tad-*data* u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(5), il-punti minn (a) sa (d), tar-Regolament (UE) 2023/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1922, 15.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1922/oj).

INTRODUZZJONI

Ir-Regolament daħal fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 2023 u se japplika mill-20 ta' Jannar 2027. Huwa jistabbilixxi rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza għad-disinn u għall-kostruzzjoni ta' makkinarju, prodotti relatati u makkinarju parzjalment komplut biex ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-UE jew jitqiegħdu fis-servizz fl-UE, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza. Se jħassar u jissostitwixxi wkoll, mill-20 ta' Jannar 2027, id-Direttiva 2006/42/KE ([3]).

Skont l-Artikolu 6(10), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipprevedi mudell standardizzat għall-ġbir mill-Istati Membri tad-*data* u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(5), il-punti (a) sa (d) tar-Regolament, inkluża l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(9) tal-istess Regolament. Tali mudell standardizzat għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-ġbir ta' *data* u informazzjoni għall-fini taż-żieda ta' kategorija ta' makkinarju jew prodotti relatati mal-Anness I ta' dak ir-Regolament jew tal-irtirar ta' kategorija ta' makkinarju jew prodotti relatati minn dak l-Anness.

Il-mudell standardizzat attwali huwa stabbilit fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1922 ("il-Mudell").

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 6(10), it-tieni subparagrafu tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha toħroġ gwida lill-Istati Membri dwar il-ġbir u t-trażmissjoni ta' *data* u informazzjoni komparabbli u ta' kwalità għolja. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi gwida lill-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 6(10), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament.

GWIDA DWAR KIF TIMLA L-MUDELL

Istruzzjonijiet ġenerali

Skont l-Artikolu 6(9) tar-Regolament, il-Mudell għandu jimtela u jiġi ppreżentat sal-20 ta' Lulju 2025, u kull 5 snin minn hemm 'il quddiem.

Il-Mudell, sottomess f'sena partikolari (Y), ikopri *data* u informazzjoni dwar perjodu ta' 5 snin kif indikat fil-kolonni rilevanti tal-Mudell.

Fil-kuntest tal-Mudell:

Y-2 (sena ta' sottomissjoni nieqes 2): tkopri t-tieni sena kalendarja, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, li tippreċedi s-sena tas-sottomissjoni tar-rapport;

Y-3 (sena ta' sottomissjoni nieqes 3): tkopri t-tielet sena kalendarja (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru) li tippreċedi s-sena tas-sottomissjoni tar-rapport;

Y-4 (sena ta' sottomissjoni nieqes 4): tkopri r-raba' sena kalendarja (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru) li tippreċedi s-sena tas-sottomissjoni tar-rapport;

Y-5 (sena ta' sottomissjoni nieqes 5): tkopri l-ħames sena kalendarja (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru) li tippreċedi s-sena tas-sottomissjoni tar-rapport;

Y-6 (sena ta' sottomissjoni nieqes 6): tkopri s-sitt sena kalendarja (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru) li tippreċedi s-sena tas-sottomissjoni tar-rapport;

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-makkinarju tfisser: ir-Regolament jew id-Direttiva 2006/42/KE jew il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-makkinarju applikabbli qabel id-Direttiva 2006/42/KE;

Huwa preferibbli li l-Mudell jimtela bil-lingwa Ingliża.

Kull Stat Membru għandu jimla u jissottometti mudell wieħed biss, f'format excel, bid-*data* kollha relatata ma' dak l-Istat Membru.

([3]) Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/42/oj).

Il-mudell jista' jiġi sottomess b'mod elettroniku permezz tal-kaxxa postali funzjonali rilevanti.

Struzzjonijiet speċifiċi

In-naħa ta' fuq tal-Mudell (mix-xellug għal-lemin)

— **Sena ("Y") tas-sottomissjoni tar-rapport** [spazju għal numri sħaħ]

F'din it-taqsima għandha tiġi indikata s-sena kalendarja li fiha l-Istat Membru jissottometti l-Mudell mimli lill-Kummissjoni.

— **Stat Membru** [spazju għat-test, massimu ta' 10 kelmiet]

F'din it-taqsima għandu jiġi indikat l-isem tal-Pajjiż li qed jissottometti d-*data* u l-informazzjoni.

Tabella Ewlenija tal-Mudell (mix-xellug għal-lemin)

Biex jiġi ffaċilitat il-qari tal-ordni tal-kolonna, il-kolonni huma nnumerati fl-Anness A ta' din il-gwida.

— **L-ewwel Kolonna (1): Kategorija fl-Anness I tar-Regolament** [għażla li tiskrollja 'l isfel]

"Kategorija" hija relatata mal-kategoriji ta' makkinarju u prodotti relatati elenkati fl-Anness I tar-Regolament fil-mument tas-sottomissjoni tal-Mudell lill-Kummissjoni (taħt l-ewwel kolonna: "Iva"), jew għal kategoriji oħra li, skont l-Istati Membri, għandhom potenzjalment jiġu inklużi f'dak l-Anness (taħt l-ewwel kolonna: "Le").

Id-*data* u l-informazzjoni kollha fil-kolonni sussegwenti (mit-tieni sad-disa' u tletin) jirreferu għall-kategorija tal-makkinarju jew tal-prodott relatat kif deskritt f'din l-ewwel kolonna.

L-ispazji fil-Mudell jistgħu jiġu estiżi biex ikopru kemm ikun meħtieġ kategoriji addizzjonali ta' makkinarju u prodotti relatati, li potenzjalment jistgħu, fil-futur permezz ta' att delegat rilevanti, jiżdiedu mal-Anness I tar-Regolament.

Fil-każ ta' emendi għall-Anness I tar-Regolament, permezz ta' atti delegati rilevanti, din l-ewwel kolonna għandha tiġi adattata skont dan.

— **It-tieni Kolonna (2): Kategorija fil-Parti tal-Anness I tar-Regolament** [għażla li tiskrollja 'l isfel]

Għall-kategoriji ta' makkinarju u prodotti relatati elenkati fl-Anness I tar-Regolament (taħt l-ewwel kolonna: "Iva") għandu jiġi indikat liema parti ta' dak l-Anness huma elenkati fi: jew fil-Parti A (taħt it-tieni kolonna: "A") jew fil-Parti B (taħt it-tieni kolonna: "B").

Għall-kategoriji ta' makkinarju u prodotti relatati mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament (taħt l-ewwel kolonna: "Le"), għandu jiġi indikat li din l-informazzjoni mhijiex applikabbli (taħt it-tieni kolonna: "N/A").

Fil-każ ta' emendi għall-Anness I tar-Regolament, permezz ta' atti delegati rilevanti, din it-tieni kolonna għandha tiġi adattata skont dan.

— **It-tielet Kolonna (3): Numru tal-Kategorija (jekk il-kategorija hija inkluża fl-Anness I tar-Regolament)** [għażla li tiskrollja 'l isfel]

Għall-kategoriji ta' makkinarju u prodotti relatati elenkati fl-Anness I tar-Regolament, il-Parti A jew B, għandu jiġi indikat in-numru assenjat lil kull kategorija ta' makkinarju u prodotti relatati f'dak l-Anness.

Fil-mument tal-kitba ta' din il-gwida, hemm sitt (6) kategoriji ta' makkinarju u prodotti relatati fil-Parti A tal-Anness I, u dsatax-il (19) kategorija ta' makkinarju u prodotti relatati fil-Parti B tal-Anness I.

Għall-kategoriji ta' makkinarju u prodotti relatati mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament (taħt l-ewwel kolonna: "Le") għandu jiġi indikat li din l-informazzjoni mhijiex applikabbli (taħt it-tieni kolonna: "N/A").

Fil-każ ta' emendi għall-Anness I tar-Regolament, permezz ta' atti delegati rilevanti, din it-tielet kolonna għandha tiġi adattata skont dan.

— **Ir-raba' Kolonna (4): Deskrizzjoni tal-Kategorija (jekk il-kategorija mhijiex inkluża fl-Anness I tar-Regolament)** [spazju għat-test, massimu ta' 100 kelma]

Għall-kategoriji ta' makkinarju u prodotti relatati elenkati fl-Anness I tar-Regolament, il-Parti A jew B, xejn ma jeħtieġ li jiġi indikat f'din il-kolonna, minħabba li d-deskrizzjoni ta' tali kategorija ta' makkinarju u prodotti relatati hija inkluża f'dak l-Anness.

Għall-kategoriji ta' makkinarju u prodotti relatati mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament (taħt l-ewwel kolonna: "Le" u taħt it-tieni kolonna: "N/A"), għandha tingħata deskrizzjoni qasira iżda ċara ta' kull kategorija ġdida ta' makkinarju jew prodott relatat proposta biex jiżdiedu ma' dak l-Anness.

Fil-każ ta' emendi għall-Anness I tar-Regolament, permezz ta' atti delegati rilevanti, din ir-raba' kolonna għandha tiġi adattata kif xieraq.

— **Il-ħames kolonna (5): L-Artikolu 6(5)(a) tar-Regolament: indikazzjonijiet ta' ħsara kkawżata fil-passat minn makkinarju jew prodotti relatati li ntużaw għall-użu maħsub tagħhom jew kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli (Y-2 sa Y-6)** [spazju għat-test, massimu ta' 500 kelma]

"Indikazzjonijiet ta' ħsara" hija relatata mal-informazzjoni bħal:

— in-natura tal-periklu li jikkawża l-ħsara, inerenti għall-funzjoni tal-kategorija tal-makkinarju jew tal-prodott relatat, filwaqt li jitqies l-użu maħsub u kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli;

— it-tul tal-espożizzjoni għall-periklu;

— is-severità tal-ħsara mġarrba, inkluż il-grad ta' riversibbiltà ta' dik il-ħsara;

— l-għadd ta' persuni affettwati mill-ħsara;

— informazzjoni rilevanti oħra.

— **Mis-Sitt sal-Għaxar Kolonna (6–10): L-Artikolu 6(5)(b) tar-Regolament: informazzjoni dwar id-difetti fis-sikurezza identifikati matul is-sorveljanza tas-suq, u l-materjal possibbilment disponibbli fis-sistemi ta' informazzjoni amministrati mill-Kummissjoni, jiġifieri l-azzjoni korrettiva meħuda (miġjuba f'konformità), irtirata jew imsejħa lura/Għadd ta' unitajiet ta' makkinarju jew prodott relatat li nstabu difettużi kull sena** [spazju għal numri sħaħ]

Għal kull kategorija ta' makkinarju jew prodott relatat, għandu jiġi indikat l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari. Is-sorsi tad-*data* jistgħu jkunu dawn kollha li ġejjin jew kwalunkwe wieħed minnhom: is-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS, Information and Communication System on Market Surveillance) u s-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate"; il-bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Korrimenti (EU-IDB, European Injury Database); statistika nazzjonali dwar l-aċċidenti fuq ix-xogħol; il-grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva dwar il-Makkinarju (AdCo, Machinery Administrative Cooperation Group); sorsi rilevanti oħra.

L-ebda spazju ma għandu jitħalla vojt. Meta l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari jiġi indikat li huwa żero, għandu jiġi ċċarat fil-kolonna ħdax jekk hemmx nuqqas ta' *data* jew jekk ma jkunx hemm okkorrenzi.

— **Il-ħdax-il Kolonna (11): L-Artikolu 6(5)(b) tar-Regolament: informazzjoni dwar id-difetti ta' sikurezza identifikati matul is-sorveljanza tas-suq, u l-materjal possibbilment disponibbli fis-sistemi ta' informazzjoni amministrati mill-Kummissjoni, jiġifieri l-azzjoni korrettiva meħuda (miġjuba f'konformità), irtirata jew imsejħa lura/Spjegazzjonijiet** [spazju għat-test, massimu ta' 500 kelma]

Għal kull kategorija ta' makkinarju jew prodott relatat, għandha tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti dwar is-sorsi tad-*data* użati kif ukoll il-kwalità u l-kopertura tad-*data* skont is-sors.

Meta l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari jiġi indikat li huwa żero, għandu jiġi ċċarat jekk hemmx nuqqas ta' *data* jew jekk ma jkunx hemm okkorrenzi.

Id-deskrizzjoni tad-difetti ewlenin u l-oriġini tal-ħsarat misjuba u l-ħsara potenzjali li dawn id-difetti jew ħsarat jistgħu jikkawżaw għandhom jingħataw ukoll f'din it-taqsima.

— **It-tnax-il kolonna (12): L-Artikolu 6(5)(c) tar-Regolament: informazzjoni dwar inċidenti magħrufa (fuq il-post tax-xogħol jew mhux okkupazzjonali) u kważi aċċidenti, inklużi l-karatteristiċi ta' dawk l-aċċidenti jew kważi aċċidenti (Y-2 sa Y-6)** [spazju għat-test, massimu ta' 500 kelma]

F'din it-taqsima, għandha tingħata deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-inċidenti jew kważi aċċidenti (magħrufa wkoll bħala close calls), bħal:

— xenarji prinċipali ta' aċċidenti;

— kawżi ewlenin għall-aċċidenti;

— identifikazzjoni tar-riskji residwi matul l-aċċidenti;

— għadd ta' vittmi;

— informazzjoni rilevanti oħra.

— **It-Tlettax sas-Sbatax-il Kolonna (13–17): L-Artikolu 6(5)(d) tar-Regolament: *data* dwar aċċidenti jew ħsara lis-saħħa kkawżati mill-makkinarju jew mill-prodott relatat għas-snin preċedenti (Y-2 sa Y-6)/ Għadd ta' aċċidenti fuq ix-xogħol (fatali) fis-sena** [spazju għal numri sħaħ]

"Aċċident fuq ix-xogħol" tirreferi għal okkorrenza diskreta matul ix-xogħol li twassal għal ħsara fiżika jew mentali kkawżata mill-makkinarju jew mill-prodott relatat użati kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli.

It-terminu "aċċident fatali" jirreferi għal aċċident ikkawżat mill-makkinarju jew mill-prodott relatat użati kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli, li jwassal għall-mewt ta' vittma fi żmien sena mill-aċċident.

Għal kull kategorija ta' makkinarju jew prodott relatat, għandu jiġi indikat l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari. Is-sorsi tad-*data* jistgħu jkunu dawn kollha li ġejjin jew kwalunkwe wieħed minnhom: Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Korrimenti (EU-IDB, European Injury Database); L-Istatistika Ewropea tal-Eurostat dwar l-Aċċidenti fuq ix-Xogħol (ESAW, Eurostat's European Statistics on Accidents at Work); il-grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva dwar il-Makkinarju (AdCo, Machinery Administrative Cooperation Group); sorsi rilevanti oħra.

Din it-taqsima tinkludi t-tipi kollha ta' korrimenti, bħal: feriti u korrimenti superfiċjali; diżlokazzjonijiet, tfekkik u strapazzi; konkussjonijiet u korrimenti interni, ksur tal-għadam, avvelenamenti u infezzjonijiet; xokkijiet; ħruq, tismit u frostbites; amputazzjonijiet (telf ta' partijiet tal-ġisem); effetti tal-ħoss, tal-vibrazzjoni u tal-pressjoni; effetti ta' temperaturi estremi, tad-dawl u tar-radjazzjoni; għarqiet u asfisazzjonijiet; korrimenti multipli; korrimenti psikoloġiċi.

L-ebda spazju ma għandu jitħalla vojt. Meta l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari jiġi indikat li huwa żero, għandu jiġi ċċarat fil-kolonna tmienja u tletin jekk hemmx nuqqas ta' *data* jew jekk ma jkunx hemm okkorrenzi.

L-aċċidenti għandhom jiġu rrappurtati fit-tlettax sas-sbatax-il kolonna u fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-kategorija (l-ewwel sar-raba' kolonna) meta:

— tali makkinarju jew prodott relatat huwa l- "Aġent Materjali" assoċjat ma': l-"Attività Fiżika Speċifika" (jiġifieri: l-għodda, l-oġġett, jew l-istrument li l-vittma tkun qed tuża meta seħħ l-aċċident, eżatt qabel l-aċċident); jew id-"Devjazzjoni" (jiġifieri, fejn iċ-ċirkostanzi tal-aċċident kienu differenti mill-prattika normali u l-makkinarju jew il-prodott relatat kienu l-għodda, l-oġġett, jew l-istrument involut fl-avveniment anormali); jew il-"Kuntatt – Mod ta' Korriment" (jiġifieri, fejn il-makkinarju jew il-prodott relatat kienu l-għodda, l-oġġett, jew l-istrument li kkawża lill-vittma korriment fiżiku jew psikoloġiku; u

— tali aċċident ikun imputabbli għall-makkinarju jew għall-prodott relatat, użat kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli, sakemm tali użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli ma jinvolvix l-eliminazzjoni ta' miżuri ta' sikurezza previsti mill-manifattur, bħat-tneħħija ta' lqugħ protettiv; aċċident jista' jkun imputabbli għall-makkinarju jew il-prodott relatat jekk iseħħ xi wieħed minn dawn li ġejjin:

— ikun ikkawżat mid-disinn jew mill-kostruzzjoni tal-makkinarju jew tal-prodott relatat, irrispettivament minn jekk il-makkinarju jew il-prodott relatat humiex konformi mal-istandards armonizzati rilevanti jew jekk tali standards armonizzati jippreżentawx jew le nuqqasijiet fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-makkinarju applikabbli meta l-makkinarju jew il-prodott relatat ikunu ġew introdotti fis-suq tal-UE;

— ikun ikkawżat minn żbalji tal-operatur, jekk it-tali żbalji jkunu raġonevolment prevedibbli, jew aggravat minn ergonomija ħażina;

— ikun ikkawżat minn manutenzjoni fqira li tirriżulta minn struzzjonijiet ta' manutenzjoni li ma kinux preċiżi jew kompluti.

"Aġent Materjali": Dan huwa definit fl-aktar edizzjoni reċenti tad-dokument tal-EUROSTAT "European statistics on accidents at work (ESAW) – Summary Methodology" (Statistika Ewropea dwar l-aċċidenti fuq ix-xogħol (ESAW) – Sommarju tal-Metodoloġija) kif ippubblikat fuq is-sit web tal-Eurostat. Il-verżjoni attwali ta' dan id-dokument hija l-"edizzjoni tal-2013" ([4]).

It-Tabella fl-Anness B ta' dan id-dokument telenka l-kodiċijiet skont il-klassifikazzjoni tal-ESAW tal-Aġenti Materjali, li taħthom jistgħu jinstabu ċerti kategoriji ta' makkinarju jew prodotti relatati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tar-Regolament, fil-mument tal-kitba ta' din il-gwida. Il-kodiċijiet elenkati fl-Anness B ta' dan id-dokument għandhom rwol indikattiv u għandhom jintużaw jekk id-*data* nazzjonali estiża miġbura fil-qafas tal-ESAW tintuża bħala sors tad-*data* u d-deskrizzjoni tal-aġent materjali tal-ESAW tikkorrispondi eżattament mad-*data* rrapportata fir-ringiela rilevanti tal-mudell. Il-kodiċijiet jistgħu jintużaw ukoll għall-finijiet li jiġi ffaċilitat il-fehim u/jew it-tiftix fil-bażijiet tad-*data* rilevanti għall-kategoriji ta' makkinarju jew prodotti relatati li bħalissa huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament. Ta' min jinnota li l-klassifikazzjoni bi tmien ċifri tal-varjabbli "aġent materjali" tal-ESAW bħalissa mhijiex użata fil-bażi tad-*data* tal-ESAW (tintuża biss il-klassifikazzjoni b'erba' ċifri). Għalkemm ma hemm l-ebda kodiċi bi tmien ċifri fil-bażi tad-*data* tal-ESAW, dawn il-kodiċijiet bi tmien ċifri jistgħu jintużaw biex wieħed jifhem aħjar x'għandu jiġi inkluż fil-kodiċijiet relatati b'erba' ċifri. Fi kwalunkwe każ, id-*data* u l-informazzjoni pprovduti fil-Mudell għandhom ikunu relatati preċiżament mal-kategorija tal-makkinarju jew tal-prodott relatat, kif deskritt fit-tielet jew fir-raba' kolonna tal-Mudell.

— **It-Tmintax sat-Tnejn u Għoxrin Kolonna (18–22): L-Artikolu 6(5)(d) tar-Regolament: *data* dwar aċċidenti jew ħsara lis-saħħa kkawżati mill-makkinarju jew mill-prodott relatat għas-snin preċedenti (Y-2 sa Y-6)/ Għadd ta' aċċidenti fuq ix-xogħol (serji) fis-sena** [spazju għal numri sħaħ]

It-terminu "aċċident fuq ix-xogħol" jirreferi għal okkorrenza diskreta matul ix-xogħol li twassal għal ħsara fiżika jew mentali kkawżata mill-makkinarju jew mill-prodott relatat użati kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli.

It-terminu "aċċident serju" jirreferi għal aċċident (mhux fatali) ikkawżat mill-makkinarju jew mill-prodott relatat użati kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli, li jwassal għal ħsara permanenti ta' vittma, jew għal ħsara sinifikanti fuq il-persuna bħal amputazzjoni ta' parti tal-ġisem.

Għal kull kategorija ta' makkinarju jew prodott relatat, għandu jiġi indikat l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari. Is-sorsi tad-*data* jistgħu jkunu dawn kollha li ġejjin jew kwalunkwe wieħed minnhom: Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Korrimenti (EU-IDB, European Injury Database); L-Istatistika Ewropea tal-Eurostat dwar l-Aċċidenti fuq ix-Xogħol (ESAW, Eurostat's European Statistics on Accidents at Work); il-grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva dwar il-Makkinarju (AdCo, Machinery Administrative Cooperation Group); sorsi rilevanti oħra.

Din it-taqsima tinkludi t-tipi kollha ta' korrimenti, bħal: feriti u korrimenti superfiċjali; diżlokazzjonijiet, tfekkik u strapazzi; konkussjonijiet u korrimenti interni, ksur tal-għadam, avvelenamenti u infezzjonijiet; xokkijiet; ħruq, tismit u frostbites; amputazzjonijiet (telf ta' partijiet tal-ġisem); effetti tal-ħoss, tal-vibrazzjoni u tal-pressjoni; effetti ta' temperaturi estremi, tad-dawl u tar-radjazzjoni; għarqiet u asfisazzjonijiet; korrimenti multipli; korrimenti psikoloġiċi.

L-ebda spazju ma għandu jitħalla vojt. Meta l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari jiġi indikat li huwa żero, għandu jiġi ċċarat fil-kolonna tmienja u tletin jekk hemmx nuqqas ta' *data* jew jekk ma jkunx hemm okkorrenzi.

([4]) https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-statistical-working-papers/-/ks-ra-12-002.

L-aċċidenti għandhom jiġu rrapportati bejn it-tmintax u t-tnejn u għoxrin kolonna u fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-kategorija (l-ewwel sar-raba' kolonna) meta:

— tali makkinarju jew prodott relatat huwa l- "Aġent Materjali" assoċjat ma': l-"Attività Fiżika Speċifika" (jiġifieri: l-għodda, l-oġġett, jew l-istrument li l-vittma tkun qed tuża meta seħħ l-aċċident, eżatt qabel l-aċċident); jew id-"Devjazzjoni" (jiġifieri, fejn iċ-ċirkostanzi tal-aċċident kienu differenti mill-prattika normali u l-makkinarju jew il-prodott relatat kienu l-għodda, l-oġġett, jew l-istrument involut fl-avveniment anormali); jew il-"Kuntatt – Mod ta' Korriment" (jiġifieri, fejn il-makkinarju jew il-prodott relatat kienu l-għodda, l-oġġett, jew l-istrument li kkawża lill-vittma korriment fiżiku jew psikoloġiku; u

— tali aċċident ikun imputabbli għall-makkinarju jew għall-prodott relatat, użat kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli, sakemm tali użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli ma jinvolvix l-eliminazzjoni ta' miżuri ta' sikurezza previsti mill-manifattur, bħat-tneħħija ta' lqugħ protettiv; aċċident jista' jkun imputabbli għall-makkinarju jew il-prodott relatat jekk iseħħ xi wieħed minn dawn li ġejjin:

  — ikun ikkawżat mid-disinn jew mill-kostruzzjoni tal-makkinarju jew tal-prodott relatat, irrispettivament minn jekk il-makkinarju jew il-prodott relatat humiex konformi mal-istandards armonizzati rilevanti jew jekk tali standards armonizzati jippreżentawx jew le nuqqasijiet fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-makkinarju applikabbli meta l-makkinarju jew il-prodott relatat ikunu ġew introdotti fis-suq tal-UE;

  — ikun ikkawżat minn żbalji tal-operatur, jekk it-tali żbalji jkunu raġonevolment prevedibbli, jew aggravat minn ergonomija ħażina;

  — ikun ikkawżat minn manutenzjoni fqira li tirriżulta minn struzzjonijiet ta' manutenzjoni li ma kinux preċiżi jew kompluti.

"Aġent Materjali": Dan huwa definit fl-aktar edizzjoni reċenti tad-dokument tal-EUROSTAT "European statistics on accidents at work (ESAW) – Summary Methodology" (Statistika Ewropea dwar l-aċċidenti fuq ix-xogħol (ESAW) – Sommarju tal-Metodoloġija) kif ippubblikat fuq is-sit web tal-Eurostat. Il-verżjoni attwali ta' dan id-dokument hija l-"edizzjoni tal-2013" ([5]).

It-Tabella fl-Anness B ta' dan id-dokument telenka l-kodiċijiet skont il-klassifikazzjoni tal-ESAW tal-Aġenti Materjali, li taħthom jistgħu jinstabu ċerti kategoriji ta' makkinarju jew prodotti relatati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tar-Regolament, fil-mument tal-kitba ta' din il-gwida. Il-kodiċijiet elenkati fl-Anness B ta' dan id-dokument għandhom rwol indikattiv u għandhom jintużaw jekk id-*data* nazzjonali estiża miġbura fil-qafas tal-ESAW tintuża bħala sors tad-*data* u d-deskrizzjoni tal-aġent materjali tal-ESAW tikkorrispondi eżattament mad-*data* rrapportata fir-ringiela rilevanti tal-mudell. Il-kodiċijiet jistgħu jintużaw ukoll għall-finijiet li jiġi ffaċilitat il-fehim u/jew it-tiftix fil-bażijiet tad-*data* rilevanti għall-kategoriji ta' makkinarju jew prodotti relatati li bħalissa huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament. Ta' min jinnota li l-klassifikazzjoni bi tmien ċifri tal-varjabbli "aġent materjali" tal-ESAW bħalissa mhijiex użata fil-bażi tad-*data* tal-ESAW (tintuża biss il-klassifikazzjoni b'erba' ċifri). Għalkemm ma hemm l-ebda kodiċi bi tmien ċifri fil-bażi tad-*data* tal-ESAW, dawn il-kodiċijiet bi tmien ċifri jistgħu jintużaw biex wieħed jifhem aħjar x'għandu jiġi inkluż fil-kodiċijiet relatati b'erba' ċifri. Fi kwalunkwe każ, id-*data* u l-informazzjoni pprovduti fil-Mudell għandhom ikunu relatati preċiżament mal-kategorija tal-makkinarju jew tal-prodott relatat, kif deskritt fit-tielet jew fir-raba' kolonna tal-Mudell.

— **It-Tlieta u Għoxrin sas-Seba' u Għoxrin Kolonna (23–27): L-Artikolu 6(5)(d) tar-Regolament: *data* dwar aċċidenti jew ħsara lis-saħħa kkawżati mill-makkinarju jew mill-prodott relatat għas-snin preċedenti (Y-2 sa Y-6)/ Għadd ta' aċċidenti fuq ix-xogħol (oħrajn) fis-sena** [spazju għal numri sħaħ]

It-terminu "aċċident fuq ix-xogħol" ifisser okkorrenza diskreta matul ix-xogħol li twassal għal ħsara fiżika jew mentali kkawżata mill-makkinarju jew mill-prodott relatat użati kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli.

It-terminu "aċċident ieħor" ifisser kwalunkwe aċċident (mhux fatali jew serju) ikkawżat mill-makkinarju jew mill-prodott relatat użati kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli, li jeħtieġ li l-persuna tiddaħħal l-isptar u/jew tkun assenti mix-xogħol għal 4 ijiem jew aktar.

([5]) https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-statistical-working-papers/-/ks-ra-12-002.

Għal kull kategorija ta' makkinarju jew prodott relatat, għandu jiġi indikat l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari. Is-sorsi tad-*data* jistgħu jkunu dawn kollha li ġejjin jew kwalunkwe wieħed minnhom: Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Korrimenti (EU-IDB, European Injury Database); L-Istatistika Ewropea tal-Eurostat dwar l-Aċċidenti fuq ix-Xogħol (ESAW, Eurostat's European Statistics on Accidents at Work); il-grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva dwar il-Makkinarju (AdCo, Machinery Administrative Cooperation Group); sorsi rilevanti oħra.

Din it-taqsima tinkludi t-tipi kollha ta' korrimenti, bħal: feriti u korrimenti superfiċjali; diżlokazzjonijiet, tfekkik u strapazzi; konkussjonijiet u korrimenti interni, ksur tal-għadam, avvelenamenti u infezzjonijiet; xokkijiet; ħruq, tismit u frostbites; amputazzjonijiet (telf ta' partijiet tal-ġisem); effetti tal-ħoss, tal-vibrazzjoni u tal-pressjoni; effetti ta' temperaturi estremi, tad-dawl u tar-radjazzjoni; għarqiet u asfisazzjonijiet; korrimenti multipli; korrimenti psikoloġiċi.

L-ebda spazju ma għandu jitħalla vojt. Meta l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari jiġi indikat li huwa żero, għandu jiġi ċċarat fil-kolonna tmienja u tletin jekk hemmx nuqqas ta' *data* jew jekk ma jkunx hemm okkorrenzi.

L-aċċidenti għandhom jiġu rrapportati fit-tlieta u għoxrin sas-sebgħa u għoxrin kolonna u fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-kategorija (l-ewwel sar-raba' kolonna) meta:

— tali makkinarju jew prodott relatat huwa l- "Aġent Materjali" assoċjat ma': l-"Attività Fiżika Speċifika" (jiġifieri: l-għodda, l-oġġett, jew l-istrument li l-vittma tkun qed tuża meta seħħ l-aċċident, eżatt qabel l-aċċident); jew id-"Devjazzjoni" (jiġifieri, fejn iċ-ċirkostanzi tal-aċċident kienu differenti mill-prattika normali u l-makkinarju jew il-prodott relatat kienu l-għodda, l-oġġett, jew l-istrument involut fl-avveniment anormali); jew il-"Kuntatt – Mod ta' Korriment" (jiġifieri, fejn il-makkinarju jew il-prodott relatat kienu l-għodda, l-oġġett, jew l-istrument li kkawża lill-vittma korriment fiżiku jew psikoloġiku; u

— tali aċċident ikun imputabbli għall-makkinarju jew għall-prodott relatat, użat kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli, sakemm tali użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli ma jinvolvix l-eliminazzjoni ta' miżuri ta' sikurezza previsti mill-manifattur, bħat-tneħħija ta' lqugħ protettiv; aċċident jista' jkun imputabbli għall-makkinarju jew il-prodott relatat jekk iseħħ xi wieħed minn dawn li ġejjin:

  — ikun ikkawżat mid-disinn jew mill-kostruzzjoni tal-makkinarju jew tal-prodott relatat, irrispettivament minn jekk il-makkinarju jew il-prodott relatat humiex konformi mal-istandards armonizzati rilevanti jew jekk tali standards armonizzati jippreżentawx jew le nuqqasijiet fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-makkinarju applikabbli meta l-makkinarju jew il-prodott relatat ikunu ġew introdotti fis-suq tal-UE;

  — ikun ikkawżat minn żbalji tal-operatur, jekk it-tali żbalji jkunu raġonevolment prevedibbli, jew aggravat minn ergonomija ħażina;

  — ikun ikkawżat minn manutenzjoni fqira li tirriżulta minn struzzjonijiet ta' manutenzjoni li ma kinux preċiżi jew kompluti.

"Aġent Materjali": Dan huwa definit fl-aktar edizzjoni reċenti tad-dokument tal-EUROSTAT "European statistics on accidents at work (ESAW) – Summary Methodology" (Statistika Ewropea dwar l-aċċidenti fuq ix-xogħol (ESAW) – Sommarju tal-Metodoloġija) kif ippubblikat fuq is-sit web tal-Eurostat. Il-verżjoni attwali ta' dan id-dokument hija l-"edizzjoni tal-2013" ([6]).

It-Tabella fl-Anness B ta' dan id-dokument telenka l-kodiċijiet skont il-klassifikazzjoni tal-ESAW tal-Aġenti Materjali, li taħthom jistgħu jinstabu ċerti kategoriji ta' makkinarju jew prodotti relatati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tar-Regolament, fil-mument tal-kitba ta' din il-gwida. Il-kodiċijiet elenkati fl-Anness B ta' dan id-dokument għandhom rwol indikattiv u għandhom jintużaw jekk id-*data* nazzjonali estiża miġbura fil-qafas tal-ESAW tintuża bħala sors tad-*data* u d-deskrizzjoni tal-aġent materjali tal-ESAW tikkorrispondi eżattament mad-*data* rrapportata fir-ringiela rilevanti tal-mudell. Il-kodiċijiet jistgħu jintużaw ukoll għall-finijiet li jiġi ffaċilitat il-fehim u/jew it-tiftix fil-bażijiet tad-*data* rilevanti għall-kategoriji ta' makkinarju jew prodotti relatati li bħalissa huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament. Ta' min jinnota li l-klassifikazzjoni bi tmien ċifri tal-varjabbli "aġent materjali" tal-ESAW bħalissa mhijiex użata fil-bażi tad-*data* tal-ESAW (tintuża biss il-klassifikazzjoni b'erba' ċifri). Għalkemm ma hemm l-ebda kodiċi bi tmien ċifri fil-bażi tad-*data* tal-ESAW, dawn il-kodiċijiet bi tmien ċifri jistgħu jintużaw biex wieħed jifhem aħjar x'għandu jiġi inkluż fil-kodiċijiet relatati b'erba' ċifri. Fi kwalunkwe każ, id-*data* u l-informazzjoni pprovduti fil-Mudell għandhom ikunu relatati preċiżament mal-kategorija tal-makkinarju jew tal-prodott relatat, kif deskritt fit-tielet jew fir-raba' kolonna tal-Mudell.

([6]) https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-statistical-working-papers/-/ks-ra-12-002.

— **It-Tmienja u Għoxrin sat-Tnejn u Tletin Kolonna (28–32): L-Artikolu 6(5)(d) tar-Regolament: *data* dwar aċċidenti jew ħsara lis-saħħa kkawżati mill-makkinarju jew mill-prodott relatat għas-snin preċedenti (Y-2 sa Y-6)/ Għadd ta' aċċidenti mhux okkupazzjonali (fatali) fis-sena** [spazju għal numri sħaħ]

It-terminu "aċċident mhux okkupazzjonali" jirreferi għal okkorrenza diskreta matul użu mhux professjonali, li twassal għal ħsara fiżika jew mentali kkawżata mill-makkinarju jew mill-prodott relatat użati kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli.

It-terminu "aċċident fatali" jirreferi għal aċċident mhux okkupazzjonali kkawżat mill-makkinarju jew mill-prodott relatat użati kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin prevedibbli b'mod raġonevoli, li jwassal għall-mewt ta' vittma fi żmien sena mill-aċċident mhux okkupazzjonali.

Għal kull kategorija ta' makkinarju jew prodott relatat, għandu jiġi indikat l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari. Is-sorsi tad-*data* jistgħu jkunu dawn kollha li ġejjin jew kwalunkwe wieħed minnhom: Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Korrimenti (EU-IDB, European Injury Database); il-grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva dwar il-Makkinarju (AdCo, Machinery Administrative Cooperation Group); sorsi rilevanti oħra.

Din it-taqsima tinkludi t-tipi kollha ta' korrimenti, bħal: feriti u korrimenti superfiċjali; diżlokazzjonijiet, tfekkik u strapazzi; konkussjonijiet u korrimenti interni, ksur tal-għadam, avvelenamenti u infezzjonijiet; xokkijiet; ħruq, tismit u frostbites; amputazzjonijiet (telf ta' partijiet tal-ġisem); effetti tal-ħoss, tal-vibrazzjoni u tal-pressjoni; effetti ta' temperaturi estremi, tad-dawl u tar-radjazzjoni; għarqiet u asfisazzjonijiet; korrimenti multipli; korrimenti psikoloġiċi.

L-ispazji griżi jkopru kategoriji ta' makkinarju jew prodotti relatati li għalihom ma jinstabux użi mhux professjonali. Għalhekk, dawn ma għandhomx jimtlew. Għajr dawk, l-ebda spazju ma għandu jitħalla vojt. Meta l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari jiġi indikat li huwa żero, għandu jiġi ċċarat fil-kolonna tmienja u tletin jekk hemmx nuqqas ta' *data* jew jekk ma jkunx hemm okkorrenzi.

Biex aċċident jiġi rrapportat taħt kategorija ta' makkinarju jew prodott relatat, huwa meħtieġ li tali aċċident ikun imputabbli għall-makkinarju jew għall-prodott relatat, użat kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli, sakemm tali użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli ma jinvolvix l-eliminazzjoni tal-miżuri tas-sikurezza previsti mill-manifattur, bħat-tneħħija tal-ilqugħ protettiv. Aċċident jista' jkun imputabbli għall-makkinarju jew għall-prodott relatat jekk iseħħ xi wieħed minn dawn li ġejjin:

— ikun ikkawżat mid-disinn jew mill-kostruzzjoni tal-makkinarju jew tal-prodott relatat, irrispettivament minn jekk il-makkinarju jew il-prodott relatat humiex konformi mal-istandards armonizzati rilevanti jew jekk tali standards armonizzati jippreżentawx jew le nuqqasijiet fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-makkinarju applikabbli meta l-makkinarju jew il-prodott relatat ikunu ġew introdotti fis-suq tal-UE;

— ikun ikkawżat minn żbalji tal-operatur, jekk it-tali żbalji jkunu raġonevolment prevedibbli, jew aggravat minn ergonomija ħażina;

— ikun ikkawżat minn manutenzjoni fqira li tirriżulta minn struzzjonijiet ta' manutenzjoni li ma kinux preċiżi jew kompluti.

— **It-Tlieta u Tletin u s-Seba' u Tletin Kolonna (33–37): L-Artikolu 6(5)(d) tar-Regolament: *data* dwar aċċidenti jew ħsara lis-saħħa kkawżati mill-makkinarju jew mill-prodott relatat għas-snin preċedenti (Y-2 sa Y-6)/ Għadd ta' aċċidenti mhux okkupazzjonali (serji jew oħrajn) fis-sena** [spazju għal numri sħaħ]

It-terminu "aċċident mhux okkupazzjonali" jirreferi għal okkorrenza diskreta matul użu mhux professjonali, li twassal għal ħsara fiżika jew mentali kkawżata mill-makkinarju jew mill-prodott relatat użati kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli.

It-terminu "Serji jew oħrajn" jirreferi għal aċċident mhux okkupazzjonali kkawżat mill-makkinarju jew mill-prodott relatat użati kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli, li mhuwiex aċċident fatali.

Għal kull kategorija ta' makkinarju jew prodott relatat, għandu jiġi indikat l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari. Is-sorsi tad-*data* jistgħu jkunu dawn kollha li ġejjin jew kwalunkwe wieħed minnhom: Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Korrimenti (EU-IDB, European Injury Database); il-grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva dwar il-Makkinarju (AdCo, Machinery Administrative Cooperation Group); sorsi rilevanti oħra.

Din it-taqsima tinkludi t-tipi kollha ta' korrimenti, bħal: feriti u korrimenti superfiċjali; diżlokazzjonijiet, tfekkik u strapazzi; konkussjonijiet u korrimenti interni, ksur tal-għadam, avvelenamenti u infezzjonijiet; xokkijiet; ħruq, tismit u frostbites; amputazzjonijiet (telf ta' partijiet tal-ġisem); effetti tal-ħoss, tal-vibrazzjoni u tal-pressjoni; effetti ta' temperaturi estremi, tad-dawl u tar-radjazzjoni; għarqiet u asfisazzjonijiet; korrimenti multipli; korrimenti psikoloġiċi.

L-ispazji griżi jkopru kategoriji ta' makkinarju jew prodotti relatati li għalihom ma jinstabux użi mhux professjonali. Għalhekk, dawn ma għandhomx jimtlew. Għajr dawk, l-ebda spazju ma għandu jitħalla vojt. Meta l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari jiġi indikat li huwa żero, għandu jiġi ċċarat fil-kolonna tmienja u tletin jekk hemmx nuqqas ta' *data* jew jekk ma jkunx hemm okkorrenzi.

Biex aċċident jiġi rrapportat fit-tlieta u tletin kolonna sas-seba' u tletin kolonna u b'rabta ma' kategorija ta' makkinarju jew prodott relatat (l-ewwel sar-raba' kolonna), huwa meħtieġ li tali aċċident ikun imputabbli għall-makkinarju jew għall-prodott relatat, użat kif maħsub, inkluż kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli, sakemm tali użu ħażin raġonevolment prevedibbli ma jinvolvix l-eliminazzjoni tal-miżuri tas-sikurezza previsti mill-manifattur, bħat-tneħħija tal-ilqugħ protettiv.

Aċċident jista' jkun imputabbli għall-makkinarju jew għall-prodott relatat jekk iseħħ xi wieħed minn dawn li ġejjin:

— ikun ikkawżat mid-disinn jew mill-kostruzzjoni tal-makkinarju jew tal-prodott relatat, irrispettivament minn jekk il-makkinarju jew il-prodott relatat humiex konformi mal-istandards armonizzati rilevanti jew jekk tali standards armonizzati jippreżentawx jew le nuqqasijiet fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-makkinarju applikabbli meta l-makkinarju jew il-prodott relatat ikunu ġew introdotti fis-suq tal-UE;

— ikun ikkawżat minn żbalji tal-operatur, jekk it-tali żbalji jkunu raġonevolment prevedibbli, jew aggravat minn ergonomija ħażina;

— ikun ikkawżat minn manutenzjoni fqira li tirriżulta minn struzzjonijiet ta' manutenzjoni li ma kinux preċiżi jew kompluti.

— **It-tmienja u tletin Kolonna (38): L-Artikolu 6(5)(d) tar-Regolament: *data* dwar aċċidenti jew ħsara lis-saħħa kkawżati mill-makkinarju jew mill-prodott relatat għas-snin preċedenti (Y-2 sa Y-6)/Spjegazzjonijiet** [spazju għat-test, massimu ta' 500 kelma]

Għal kull kategorija ta' makkinarju jew prodott relatat, għandha tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti dwar is-sorsi tad-*data* użati kif ukoll il-kwalità u l-kopertura tad-*data* skont is-sors.

Meta l-għadd ta' okkorrenzi f'sena partikolari jiġi indikat li huwa żero, għandu jiġi ċċarat jekk hemmx nuqqas ta' *data* jew jekk ma jkunx hemm okkorrenzi.

Id-deskrizzjoni tar-raġunijiet ewlenin għaliex il-makkinarju jew il-prodott relatat kellhom ħsara għandha tiġi pprovduta wkoll f'din it-taqsima.

— **Id-disgħa u tletin Kolonna (39): Informazzjoni rilevanti addizzjonali** [spazju għat-test, massimu ta' 500 kelma]

Din it-taqsima tista' tinkludi informazzjoni (sa fejn tkun disponibbli u titqies mill-Istat Membru li tista' tiffaċilita aktar il-valutazzjoni li għandha titwettaq mill-Kummissjoni), għal kull kategorija ta' makkinarju jew prodott relatat, bħal:

— l-għadd ta' unitajiet ta' makkinarju jew prodotti relatati mibjugħa fit-territorju tal-Istat Membru;

— l-għadd ta' ħaddiema fis-settur;

— meta l-makkinarju jew il-prodott relatat ikunu ġew introdotti fis-suq tal-UE;

— jekk kienx hemm nuqqas ta' standards armonizzati (u, fir-rigward tar-Regolament, speċifikazzjonijiet komuni stabbiliti skont ir-Regolament) li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u s-sikurezza;

— ir-riskji residwi, inklużi dawk li, skont il-manifattur, jistgħu jitnaqqsu permezz ta' taħriġ jew tagħmir protettiv personali partikolari, li jwasslu għal aċċidenti serji jew fatali jew ħsara lis-saħħa rikorrenti;

— l-applikazzjoni ħażina tal-istandards armonizzati jew tal-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti u li għalihom l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq li twettqu ma wasslux għal titjib kbir fis-sitwazzjoni tas-suq, f'perjodu raġonevoli;

— l-inċertezza fil-metodi eżistenti ta' valutazzjoni tar-riskju relatati ma' teknoloġiji ġodda;

— il-konformità jew le tal-makkinarju jew tal-prodott relatat mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-makkinarju applikabbli meta ġew introdotti fis-suq tal-UE; jekk mhux konformi: jekk ġewx applikati l-istandards armonizzati rilevanti ċċitati skont dik il-leġiżlazzjoni tal-UE (jew, fir-rigward tar-Regolament, kwalunkwe speċifikazzjoni komuni stabbilita skont ir-Regolament); jew jekk in-nuqqas ta' konformità kienx dovut għal nuqqasijiet fl-istandards armonizzati rilevanti ċċitati skont dik il-leġiżlazzjoni tal-UE (jew, fir-rigward tar-Regolament, fi kwalunkwe speċifikazzjoni komuni stabbilita skont ir-Regolament);

— Fir-rigward tal-għadd totali ta' makkinarju jew prodotti relatati difettużi, irrapportat skont l-Artikolu 6(5)(b) tar-Regolament:

  — il-perċentwal (%) ta' makkinarju jew prodotti relatati:

    — li ma jkunux għaddew minn modifiki wara l-introduzzjoni tagħhom fis-suq tal-UE;

    — li jkunu għaddew minn modifiki mhux sostanzjali wara l-introduzzjoni tagħhom fis-suq tal-UE;

    — li jkunu għaddew minn modifiki sostanzjali wara l-introduzzjoni tagħhom fis-suq tal-UE;

  — il-perċentwal (%) ta' makkinarju jew prodotti relatati introdotti fis-suq tal-UE matul l-applikabbiltà:

    — tar-Regolament;

    — tad-Direttiva 2006/42/KE;

    — tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-makkinarju applikabbli qabel id-Direttiva 2006/42/KE;

  — l-għadd ta' manifatturi li jipproduċu l-makkinarju jew il-prodotti relatati rrapportati;

  — il-perċentwal (%) ta' makkinarju jew prodotti relatati li għalihom kien involut Korp Notifikat;

— Fir-rigward tal-għadd totali ta' aċċidenti rrapportati skont l-Artikolu 6(5)(d) tar-Regolament:

  — il-perċentwal (%) ta' aċċidenti b'makkinarju jew prodotti relatati:

    — li ma jkunux għaddew minn modifiki wara l-introduzzjoni tagħhom fis-suq tal-UE;

    — li jkunu għaddew minn modifiki mhux sostanzjali wara l-introduzzjoni tagħhom fis-suq tal-UE;

    — li jkunu għaddew minn modifiki sostanzjali wara l-introduzzjoni tagħhom fis-suq tal-UE;

  — il-perċentwal (%) ta' aċċidenti b'makkinarju jew prodotti relatati introdotti fis-suq tal-UE matul l-applikabbiltà ta':

    — tar-Regolament;

    — tad-Direttiva 2006/42/KE;

— tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-makkinarju applikabbli qabel id-Direttiva 2006/42/KE;

— l-għadd ta' manifatturi li jipproduċu l-makkinarju jew il-prodotti relatati involuti fl-aċċidenti rrapportati;

— il-perċentwal (%) ta' aċċidenti b'makkinarju jew prodotti relatati li għalihom kien involut Korp Notifikat;

— informazzjoni rilevanti oħra.

ANNESS A —

In-numerazzjoni tal-kolonni tal-mudell

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16	17	18	19	20	21	22	23	24	25	26	27	28	29	30	31	32	33	34	35	36	37	38	39
Is-sena ("Y") tas-sottomissjoni tar-rapport:				Stat Membru:																																		

Kategorija fl-Anness I tar-Regolament	Kategorija fil-Parti tal-Anness I tar-Regolament	Numru tal-Kategorija (jekk il-kategorija hija inkluża fl-Anness I tar-Regolament)	Deskrizzjoni tal-Kategorija (jekk il-kategorija mhijiex inkluża fl-Anness I tar-Regolament)	L-Artikolu 6(5)(a) tar-Regolament: indikazzjonijiet tal-ħsara li ġiet ikkawżata fil-passat minn makkinarju jew prodotti relatati li ntużaw għall-użu maħsub tagħhom jew kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod ragonevoli (Y-2 sa Y-6)	L-Artikolu 6(5)(b) tar-Regolament: informazzjoni dwar id-difetti fis-sikurezza identifikati matul is-sorveljanza tas-suq, u l-materjal possibbilment disponibbli fis-sistemi ta' informazzjoni amministrati mill-Kummissjoni, jiġifieri l-azzjoni korrettiva meħuda (miġjuba f'konformità), irtirata jew imsejħa lura						L-Artikolu 6(5)(c) tar-Regolament: informazzjoni dwar l-aċċidenti magħrufa (fuq ix-xogħol jew mhux okkupazzjonali) u kważi aċċidenti serji, inklużi l-karatteristiċi ta' dawk l-aċċidenti jew kważi aċċidenti (Y-2 sa Y-6)	L-Artikolu 6(5)(*d*) tar-Regolament: *data* dwar aċċidenti jew ħsara lis-saħħa kkawżati mill-makkinarju jew mill-prodott relatat għas-snin preċedenti																												Informazzjoni rilevanti addizzjonali
					L-ghadd ta' unitajiet ta' makkinarju jew prodott relatat li nstabu difettużi kull sena					Spjegazzjonijiet		Ghadd ta' aċċidenti fuq ix-xogħol (fatali) fis-sena					Ghadd ta' aċċidenti fuq ix-xogħol (serji) fis-sena					Numru ta' aċċidenti fuq ix-xogħol (ohrajn) fis-sena					Ghadd ta' aċċidenti mhux okkupazzjonali (fatali) fis-sena					Ghadd ta' aċċidenti mhux okkupazzjonali (serji jew ohrajn) fis-sena					Spjegazzjonijiet	
					Y-6	Y-5	Y-4	Y-3	Y-2			Y-6	Y-5	Y-4	Y-3	Y-2	Y-6	Y-5	Y-4	Y-3	Y-2	Y-6	Y-5	Y-4	Y-3	Y-2	Y-6	Y-5	Y-4	Y-3	Y-2	Y-6	Y-5	Y-4	Y-3	Y-2		
Iva	A	1																																				
Iva	A	2																																				
Iva	A	3																																				
Iva	A	4																																				
Iva	A	5																																				
Iva	A	6																																				
Iva	B	1																																				
Iva	B	2																																				
Iva	B	3																																				
Iva	B	4																																				
Iva	B	5																																				
Iva	B	6																																				
Iva	B	7																																				
Iva	B	8																																				
Iva	B	9																																				
Iva	B	10																																				
Iva	B	11																																				
Iva	B	12																																				
Iva	B	13																																				
Iva	B	14																																				
Iva	B	15																																				
Iva	B	16																																				
Iva	B	17																																				
Iva	B	18																																				
Iva	B	19																																				
Le	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli																																				
Le	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli																																				
Le	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli																																				

ANNESS B –

Lista ta' kodiċijiet bi tmien u erba' ċifri ([1]) skont il-klassifikazzjoni tal-ESAW tal-Aġenti Materjali, li taħthom jistgħu jinstabu l-kategoriji ta' makkinarju jew prodotti relatati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tar-Regolament.

Kategorija fl-Anness I tar-Regolament	Aġent materjali tal-ESAW
Parti A	
1. Apparati tat-trażmissjoni mekkanika li jistgħu jitneħħew, inkluż l-ilqugħ tagħhom.	05.02.01.07 Xaft, sleeve, kavilja
2. Ilqugħ għall-apparati tat-trażmissjoni mekkanika li jistgħu jitneħħew.	16.01.00.00 apparati ta' sikurezza – fuq il-magni
3. Lifts biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq il-vetturi.	11.02.02.01 Tagħmir għall-irfigħ tal-vetturi, lift għall-vetturi, lift idrawliku
4. Tagħmir li jaħdem permezz ta' skratać li jista' jinġarr u makkinarju ta' impatt ieħor.	07.06.06.00 Xkubetta tal-istuds bi skratać splussivi
5. Komponenti ta' sikurezza b'imġiba awtoevoluttiva bis-sħiħ jew b'mod parzjali bl-użu ta' approċċi ta' tagħlim awtomatiku li jiżguraw funzjonijiet ta' sikurezza.	16.01.00.00 apparati ta' sikurezza – fuq il-magni
6. Makkinarju li jkun inkorpora sistemi b'imġiba awtoevoluttiva bis-sħiħ jew b'mod parzjali bl-użu ta' approċċi ta' tagħlim awtomatiku li jiżguraw funzjonijiet ta' sikurezza li ma jkunux ġew introdotti b'mod indipendenti fis-suq, fir-rigward ta' dawk is-sistemi biss.	16.01.00.00 apparati ta' sikurezza – fuq il-magni
PARTI B	
1. Srieraq ċirkolari (b'xafra waħda jew b'ħafna xfafar) għax-xogħol tal-injam u ta' materjali b'karatteristiċi fiżiċi simili jew għax-xogħol mal-laħam u materjal b'karatteristiċi fiżiċi simili, tat-tipi li ġejjin:	07.01.02.00 Srieraq ċirkolari 07.01.02.0X Srieraq ċirkolari 10.11.01.00 Serrieq ċirkolari 10.11.01.0X Serrieq ċirkolari
1.1. makkinarju għall-issegar b'xafra fissa jew bi xfafar fissi matul il-qtugħ, b'mejda fissa jew b'appoġġ fiss, b'feed manwali tal-materjal li jkun qed jinħadem jew b'power feed li jista' jitneħħa;	
1.2. makkinarju għall-issegar b'xafra fissa jew bi xfafar fissi matul il-qtugħ, b'bank jew b'karru għas-segi b'moviment li jalterna li jitħaddem b'mod manwali;	
1.3. makkinarju għall-issegar b'xafra fissa jew bi xfafar fissi matul il-qtugħ, b'feed device mekkaniku integrat għall-materjal li jkun qed jinħadem, b'tagħbija u/jew b'ħatt manwali;	
1.4. makkinarju għall-issegar bi xfafar li jiċċaqilqu waqt il-qtugħ, li jkollhom moviment mekkaniku tax-xafra, b'tagħbija u/jew ħatt manwali.	

([1]) Il-klassifikazzjoni bi tmien ċifri tal-varjabbli "aġent materjali" tal-ESAW bħalissa ma tintużax fil-bażi tad-*data* tal-ESAW (tintuża biss il-klassifikazzjoni b'erba' ċifri) iżda ġiet stabbilita fil-bidu tal-proġett tal-ESAW. Din il-klassifikazzjoni tista' tiffaċilita l-fehim u/jew it-tfittxija ta' xi whud mill-kategoriji ta' makkinarju.

Kategorija fl-Anness I tar-Regolament	Aġent materjali tal-ESAW
2. Makkinarju għall-inċanar tas-superfiċe għal xogħol tal-injam li l-materjal li jkun qed jinħadem bih jiddaħħal fih bl-idejn.	10.10.02.0X Magna tal-inċanar, ċana (Peress li ma hemmx kodiċi għaċ-ċani tat-tip thicknesser, nifhmu li dawn huma inklużi fil-magni tal-inċanar)
3. Ċani tat-tip thicknesser għall-inċanar fuq naħa waħda, b'feed device mekkaniku integrat, b'tagħbija u/jew b'ħatt manwali.	
4. Band-saws b'tagħbija u/jew b'ħatt manwali għal xogħol tal-injam u ta' materjali b'karatteristiċi fiżiċi simili jew għall-qtugħ tal-laħam u ta' materjali b'karatteristiċi fiżiċi simili, tat-tipi li ġejjin:	10.11.02.00 Band saw, ribbon saw 10.11.02.0X Band saw, ribbon saw (minbarra log saw) 10.11.04.0C Band saw, ribbon saw għal zkuk
4.1. makkinarju għall-issegar b'xafra fissa jew bi xfafar fissi matul il-qtugħ, b'mejda jew b'appoġġ fissi jew b'moviment li jalterna għall-materjal li jkun qed jinħadem;	
4.2. makkinarju għall-issegar b'xafra jew bi xfafar immuntati fuq karru b'moviment li jalterna.	
5. Makkinarju kombinat tat-tipi msemmija fil-punti 1 sa 4 u fil-punt 7 għal xogħol tal-injam u ta' materjali b'karatteristiċi fiżiċi simili.	Ara l-kodiċijiet għall-punti 1 sa 4 tal-Parti B
6. Makkinarju għall-minċotti li l-materjal li jkun qed jinħadem bih jiddaħħal fih bl-idejn, b'diversi postijiet biex jinżammu l-għodod għal xogħol tal-injam.	10.10.12.00 magna li tifforma l-imgħażel, magna li tagħmel il-minċotti
7. Makkinarju għall-iffurmar b'magħżel b'assi vertikali li l-materjal li jkun qed jinħadem bih jiddaħħal fih bl-idejn, għal xogħol tal-injam u ta' materjali b'karatteristiċi fiżiċi simili.	10.10.12.00 magna li tifforma l-imgħażel, magna li tagħmel il-minċotti
8. Chainsaws li jistgħu jinġarru għal xogħol tal-injam.	07.01.04.0X Chainsaws li jistgħu jinġarru
9. Preses, inklużi preses tal-pjanċi, għal xogħol mingħajr sħana tal-metall, b'tagħbija u/jew b'ħatt manwali, li l-parts tagħhom li jaħdmu jistgħu jiċċaqilqu aktar minn 6 mm, b'veloċità ta' aktar minn 30 mm/s.	10.07.01.0X Pressa kiesħa 10.07.01.0X Pressa pnewmatika 10.07.05.0X Pressa idrawlika (mingħajr speċifikazzjoni)
10. Makkinarju għall-iffurmar tal-plastik b'injezzjoni jew bil-kompressjoni, b'tagħbija jew b'ħatt manwali.	10.09.01.00 Magna tal-injezzjoni, magna tal-estrużjoni 10.09.01.0X Magna tal-injezzjoni, pressa tal-injezzjoni, pressa tal-estrużjoni, magni tal-iffurmar bl-injezzjoni jew l-estrużjoni 10.09.02.00 Magni għall-ippressar, għall-iffurmar
11. Makkinarju għall-iffurmar tal-lastiku b'injezzjoni jew bil-kompressjoni, b'tagħbija jew b'ħatt manwali.	10.09.01.00 Magna tal-injezzjoni, magna tal-estrużjoni 10.09.01.0X Magna tal-injezzjoni, pressa tal-injezzjoni, pressa tal-estrużjoni, magni tal-iffurmar bl-injezzjoni jew l-estrużjoni 10.09.02.00 Magni għall-ippressar, għall-iffurmar 10.09.02.0d Magna għall-manifattura ta' materjali komposti 10.09.02.0d Pressa tal-ivvulkanizzar
12. Makkinarju li jaħdem taħt l-art tat-tipi li ġejjin:	"13.01 Vetturi — fuq il-linji ferrovjarji, inklużi l-monorails sospiżi: merkanzija" tista' tapplika wkoll

Kategorija fl-Anness I tar-Regolament	Aġent materjali tal-ESAW
12.1. lokomottivi u vannijiet tal-brejkijiet;	13.01.00.00 Vetturi fuq il-linji ferrovjarji 13.01.01.00 Ferroviji, vaguni, eċċ.: oġġetti 13.01.99.00 Vetturi oħra fuq il-linji ferrovjarji: oġġetti
12.2. irfid tas-soqfa li jaħdmu bl-idrawlika.	09.01.09.00 Tagħmir għal xogħlijiet taħt l-art
13. Trakkijiet li jitgħabbew b'mod manwali għall-ġbir ta' skart domestiku b'mekkaniżmu għall-kompressjoni integrat.	12.01.99.00 Tipi oħra ta' vetturi tqal 10.07 .04.0X Skart tal-istampa, pressa tal-imballar (karta, tessuti, skart tal-metall, eċċ.)
14. Apparat għall-irfigħ ta' persuni jew ta' persuni u oġġetti li jinvolvi r-riskju li xi ħadd jew xi ħaġa taqa' minn għoli vertikali ta' aktar minn 3 metri.	11.02.01.00 Lifts ta' oġġetti 11.02.01.01 Lifts tal-passiġġieri 11.02.01.03 Tagħmir għall-irfigħ ta' persuni (benniena, basktijiet, pjattaformi għall-irfigħ)
15. Apparat ta' protezzjoni ddisinjat għad-detezzjoni tal-preżenza ta' persuni.	16.01.00.00 apparati ta' sikurezza – fuq il-magni
16. Ilqugħ li jistgħu jiġu mċaqilqa, b'lokkjatura u li jaħdmu bl-elettriku, li għandhom jintużaw bħala salvagwardji fil-makkinarju msemmi fil-punti 9, 10 u 11 ta' din il-Parti.	16.01.00.00 apparati ta' sikurezza – fuq il-magni
17. Unitajiet tal-loġika għall-iżgurar tal-funzjonijiet tas-sikurezza.	16.01.00.00 apparati ta' sikurezza – fuq il-magni
18. Strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib (ROPS).	09.01 Magni li jistgħu jinġarru jew mobbli — għall-estrazzjoni ta' materjali jew għall-ħdim tal-art — minjieri/barrieri, xogħlijiet ta' bini u inġinerija ċivili 09.02 Magni li jistgħu jinġarru jew mobbli — għall-ħdim tal-art — biedja 09.04 Magni mobbli għat-tindif tal-art 09.99 Magni u tagħmir oħrajn li jistgħu jinġarru jew mobbli fil-grupp 09 mhux elenkati hawn fuq
19. Strutturi ta' protezzjoni minn oġġetti li jaqgħu (FOPS).	09.01 Magni li jistgħu jinġarru jew mobbli — għall-estrazzjoni ta' materjali jew għall-ħdim tal-art — minjieri/barrieri, xogħlijiet ta' bini u inġinerija ċivili 09.02 Magni li jistgħu jinġarru jew mobbli — għall-ħdim tal-art — biedja 09.04 Magni mobbli għat-tindif tal-art 09.99 Magni u tagħmir oħrajn li jistgħu jinġarru jew mobbli fil-grupp 09 mhux elenkati hawn fuq